# Werrej

**Premessa dwar Menz minn Mario Azzopardi** .......... **5**

**L-Introduzzjoni** .......... *9*

i. Il-Qari ta' Dramm .......... *9*

ii. Il-Produzzjoni Teatrali .......... 11

iii. Il-Ġeneru .......... 12

**1. L-Analiżi tal-Ewwel Att ta' *Menz*** .......... ***17***

1.1 Il-Plott tal-Ewwel Att .......... 17

1.2 Il-Karattri tal-Ewwel Att .......... 20
1.2.1 Menz fl-Ewwel Att .......... 20
1.2.2 Ġorġ fl-Ewwel Att .......... 23
1.2.3 Tereża fl-Ewwel Att .......... 26
1.2.4 Razz fl-Ewwel Att .......... 29
1.2.5 Karattri Oħra fl-Ewwel Att .......... 30

1.3 It-Temi tal-Ewwel Att .......... 33
1.3.1 It-Tiftixa tal-Individwalità bħala Vjaġġ Eżistenzjali .......... 33
1.3.2 L-Intolleranza .......... 35
1.3.3 L-Aljenazzjoni .......... 35
1.3.4 Ix-Xebh u d-Differenzi bejn il-Gruppi .......... 36
1.3.5 Il-Kritika Psikoanalitika u l-Kumpless ta' Edipu .......... 38

1.4 Mistoqsijiet dwar l-Ewwel Att .......... 41

**2. L-Analiżi tat-Tieni Att ta' *Menz*** .......... ***42***

2.1 Il-Plott tat-Tieni Att .......... 42

2.2 Il-Karattri tat-Tieni Att .......... 45
2.2.1 Menz fit-Tieni Att .......... 45
2.2.2 Ġorġ fit-Tieni Att .......... 46

2.2.3 Tereża fit-Tieni Att .......... 48
2.2.4 Ludilla B. fit-Tieni Att .......... 48
2.2.5 Karattri Oħra fit-Tieni Att .......... 50

2.3 It-Temi tat-Tieni Att .......... 52
2.3.1 L-Antierojiżmu .......... 52
2.3.2 Ħasil il-Moħħ .......... 56
2.3.3 L-Edukazzjoni u l-Ġustizzja .......... 58
2.3.4 Is-Simbolu ta' Pegasu .......... 60
2.3.5 L-Arketipi ta' Jung .......... 62
2.3.6 Il-Klassiżmu .......... 64

2.4 Mistoqsijiet dwar it-Tieni Att .......... 67

**3. L-Analiżi tat-Tielet Att ta' *Menz* .......... *68***

3.1 Il-Plott tat-Tielet Att .......... 68

3.2 Il-Karattri tat-Tielet Att .......... 70
3.2.1 Menz fit-Tielet Att .......... 70
3.2.2 Ġorġ fit-Tielet Att .......... 73
3.2.3 Tereża fit-Tielet Att .......... 74
3.2.4 Razz fit-Tielet Att .......... 77
3.2.5 Karattri Oħra fit-Tielet Att .......... 78

3.3 It-Temi tat-Tielet Att .......... 81
3.3.1 L-Allużjoni Biblika .......... 81
3.3.2 Il-Karattri Tondi .......... 82
3.3.3 L-Ambivalenza – it-Telfa u r-Rebħa .......... 83
3.3.4 Il-Ħolm .......... 87

3.4 Mistoqsijiet dwar it-Tielet Att .......... 89

**4. Glossarju ta' Termini Letterarji .......... 90**

**5. Il-Biblijografija .......... 95**

# PREMESSA DWAR MENZ

minn Mario Azzopardi

*Menz* hu l-ewwel dramm tax-xeħta tiegħu li qatt inkiteb f'Malta. Jipproponi tliet argumenti:

(i) l-emarġinazzjoni bħala att ta' protesta;

(ii) il-kurrenti u s-sottokurrenti ta' sitwazzjoni politika taħt sistema dittatorjali li ma tittollerax l-individwalità; u

(iii) il-poter femminista, rappreżentat fil-figura ta' dominatriċi li kapaċi tikkastra.

Kull meta kont nitkellem ma' Francis Ebejer dwar dan id-dramm, kien jippreferi jirreferi għalih bħala "soċjosimboliku", filwaqt li ngħid għalija, dejjem ippreferejt narah bħala allegorija dwar il-poter. Ta' min ifakkar li *Menz* inkiteb f'era li kienet qed tippronunzja l-protesta: it-teatru barrani kien ilu li ddakkar minn ilħna ribelli, tal-inqas sa minn meta nħadem f'Londra d-dramm *Look Back in Anger* (1956) ta' John Osborne. Kienet l-epoka tal-*Angry Young Men* u d-dissidenza, ta' klima li ħadet mal-Ewropa kollha, mir-Russja ta' Yevgeni Yevtushenko u Andrei Voznesenski sal-*irritati* fl-Italja u l-poeti tal-Moviment Qawmien Letterarju f'Malta.

Ebejer, awtur kożmopolit u infurmat, ma setax ma jkunx influwenzat minn dak li kien qed jiġri. Iżda li kien hemm differenti f'dan id-drammaturgu pijunier hu lingwaġġ partikolari, interpretat b'elokwenza. Ebejer kien jaf x'jitlob il-mekkaniżmu teatrali, imma

fuq kollox kien drammaturgu tal-kelma "intellettwalizzata". Dan l-atteġġament fih innifsu diġà kien rivoluzzjonarju, minħabba li d-drammaturgu kien qed jaqta' għalkollox il-kurdun mill-espressjoni parrokkjali u limitata ta' ħafna mit-teatru popolist li ddomina x-xena kulturali għal deċennji twal.

Meta nkiteb *Menz*, f'Malta kien qed iseħħ ċaqliq importanti fl-idjoma u l-produzzjoni teatrali permezz ta' reġisti Britanniċi li b'mod jew ieħor kienu sabu ruħhom fostna. Kienet qed isseħħ ħidma kbira minn diretturi bħal Pamela Ash, Jillian Binns, Beatrice Dennis u fuq kollox, James Falkland, li tella' l-aħjar produzzjonijiet ma' atturi ġodda lokali. Ebejer kien attent għal dawk l-iżviluppi, u kien jhewden li t-teatru Malti, dak ġenwinament nattiv (u mhux importat), kellu l-ħtieġa li jiżviluppa lilu nnifsu, li jitbiegħed minn klixejiet tradizzjonali u jimraħ fi spazji ġodda u provokatorji. *Menz* jirrappreżenta pass kruċjali f'dik id-direzzjoni anzi, ikkrossja l-limiti b'tali mod li nissel f'Malta l-ewwel dramm ta' protesta b'lingwa sofistikata li madankollu, sata' jifhimha kulħadd.

Menz, ir-raġel iżolat li jrid jgħix waħdu fuq il-bank iebes tal-injam li hemm fil-misraħ tal-belt, jibda jidher bħala element perikoluż, minħabba li ma jridx jintegra ruħu mas-soċjetà. U dan, is-soċjetà tarah bħala theddida għall-istabbiltà tagħha. Is-soċjetà topera taħt l-awspiċi tal-mexxejja tal-Istat, Ludmilla B., li trid iġġib fix-xejn lil Menz u ddewwiblu l-integrità tiegħu. Is-soċjetà ma tistax (jew ma tridx) tapprezza li issa, l-unika ħaġa li jixxennaq għaliha x-xwejjaħ Menz hi li "jiftakar f'ommu".

Hi x-xenqa eżistenzjalista ta' xi ħadd għajjien u deluż bil-ħajja u li issa jrid jirritorna lejn l-għeruq, lejn il-ġuf matern. Interessanti l-kuntrast bejn dak li jixtieq Menz (li jirritorna lejn il-kenn ta' ommu ħanina) u dak li fil-fatt qed iseħħ fil-belt, fejn hemm tiggverna Ludmilla B., mara mingħajr skrupli u mingħajr sentimenti. U hemm saħansitra t-tielet mara importanti li tidher

fid-dramm ta' Ebejer: Tereża, maqsuma bejn il-lealtà tagħha lejn Ġorġ, ribell li jissimpatizza ma' Menz, u Razz, kompromessist u "funzjonarju" tal-Istat.

Il-preżenza ta' dawn it-tliet nisa (Omm Menz, Ludmilla B. u Tereża) toffri analiżi interessanti.

Ebejer ried li jikteb u jidderieġi d-dramm fuq żewġ binarji, dak realista u l-ieħor espressjonista. Ftit qabel fetaħ id-dramm fit-Teatru Manoel, jien kont intervistajt lil Ebejer għall-paġna kulturali li kont neditja għall-ġurnal *L-Orizzont*. Fil-ħarġa tat-30 ta' Novembru 1967, Ebejer kien stqarrli li jrid jittratta ż-żewġ elementi u jħalli post għas-satira biex jirkaċċa aħjar il-messaġġ fundamentali tad-dramm, jiġifieri l-jedd għall-individwalità u għall-paċi interjuri, fi żmien imtaqqal bi ħsejjes għaġġelija ta' ideoloġiji ta' kull xorta.

F'dan l-istudju, David Aloisio qed joffri analiżi attenta u dettaljata tal-motivi diversi u l-prinċipji teatrali li jikkaratterizzaw id-dramm Ebejerjan. Jirkaċċaw il-karattri u jirkaċċaw anki l-ideat taż-żmien li fih inkiteb id-dramm, żmien kumpless, fi kliem Ebejer innifsu, u żmien veloċi, fejn ideoloġija waħda taħbat mal-oħra kontinwament, u kull waħda trid tassumi preċedenza.

Huwa neċessarju li jkollok evalwazzjoni bħal din ta' Aloisio, anki għall-istess dinamika tad-dibattitu. Għax wara kollox, kull analiżi kritika m'għandhiex tittieħed bħala duttrina esklussiva u sagrosanta, imma bħala pjattaforma fejn id-diskors ikompli jitwessa', jinfetaħ, jinfetaq u jerġa' jkun kostrutt mill-ġdid.

F'dan l-istudju hawn il-ħmira biex ikun attwat dan kollu, u biex Menz ikun riskopert skont is-sinjali ta' żmienna. Li donnhom ma tantx inbidlu minn żmien il-konċepiment tad-dramm.

*Mario Azzopardi*
Ċentru tad-Drama ta' Malta
2012

# L-Introduzzjoni

**i. Il-Qari ta' Dramm**

Il-qarrejja ta' *Menz* m'għandhomx ix-xorti li jaraw id-dramm jittella' quddiemhom. Bil-maqlub tal-udjenza, ma jistgħux jaraw l-espressjoni fuq wiċċ l-atturi jew jisimgħu t-ton tiela' u nieżel ta' leħinhom. Ma jistgħux jaraw ix-xenarju, l-effetti taddawl jew il-kostumi. Lanqas ma jistgħu jaraw ir-reċtar, l-azzjoni u l-moviment. Madankollu min jaqra t-test tad-dramm huwa x'aktarx ivvantaġġat għaliex jista' jimraħ fl-immaġinazzjoni u jara, b'għajnejh magħluqa, il-ġrajja ta' *Menz* isseħħ quddiemu. Id-didaskaliji, jew notamenti, li Ebejer kiteb biex jassistu lil kull min jitħajjar itella' din il-produzzjoni, huma għodda tajba għall-qarrejja biex ikomplu jġarrbu, permezz tal-istħajjil, dak kollu li jseħħ fid-dramm. Anzi, xi drabi l-qarrej isib informazzjoni fid-didaskaliji li xi ħadd bilqiegħda fl-udjenza mhuwiex konxju minnha.

Il-qarrejja għandhom iktar iċ-ċans, li bil-galbu kollu, jiflu u jixtarru dak li qegħdin jaqraw fit-test drammatiku. L-istudenti li qegħdin jistudjaw il-Malti fil-Livell Intermedju u Avvanzat għandhom l-opportunità li jistudjaw bir-reqqa dan ix-xogħol sabiex jiskopru x'kellu f'moħħu Ebejer fl-għażla tal-kliem li poġġa f'ħalq il-karattri li ħoloq, x'influwenzah fil-proċess tal-

kitba, x'simboli uża u l-konnotazzjonijiet tagħhom u tant u tant fatturi li għall-ewwel ikunu donnhom mistura imma li joħorġu fid-dieher wara analiżi kritika profonda.

Huwa dan li ppruvajt nagħmel f'*Il-Frustier*. It-tliet atti tad-dramm jiġu studjati minn tliet aspetti kull wieħed. Issir analiżi tal-plott, tal-karattri u tat-temi ta' kull att. L-analiżi tal-plott ta' kull att tagħmel sens fil-kuntest tad-dramm kollu hekk kif it-temi, għalkemm jispikkaw f'att partikolari, huma x'aktarx mifruxa wkoll fl-atti kollha. Ħafna mill-karattri jiġu analizzati għal tliet darbiet, kull darba fl-analiżi ta' kull att. Dan għaliex, ngħidu aħna, "Tereża fl-Ewwel Att" mhijiex l-istess bħal "Tereża fit-Tielet Att". Dan l-istudju jispjega kif il-karattri jiżviluppaw u jimmaturaw matul il-ġrajja tad-dramm. Wara l-analiżi ta' kull att, hemm serje ta' mistoqsijiet li jagħtu idea lill-istudenti ta' x'titli jistgħu joħorġu fl-eżami tal-Malti fil-Livell Intermedju u dak Avvanzat u li dwarhom huma mistennija li jiktbu esejs letterarji ta' tul konsiderevoli. Ta' min jinnota wkoll li f'din il-gwida jiġi ssuġġerit liema huma l-aqwa kwotazzjonijiet misluta mid-dramm, siltiet li l-istudenti huma mħeġġa li jitgħallmu u jikkwotaw fil-kitba kritika tagħhom. *Il-Frustier* jittanta wkoll jikxef il-ġenju ta' Ebejer billi josserva mill-qrib dak li seta' influwenza lill-awtur waqt il-proċess kreattiv tal-kitba. Hekk il-qarrejja ta' dan il-manwal jistgħu japprezzaw kif Ebejer, konxjament jew inkonxjament, għamel diversi allużjonijiet mitoloġiċi u bibliċi, u applika t-teoriji filosofiċi u psikoloġiċi ta' personalitajiet kbar bħal Aristotli, Marx, Freud u Jung fil-kitba ta' *Menz*. Fl-aħħar ta' din il-gwida l-qarrejja jsibu wkoll glossarju ta' termini letterarji li ntużaw fl-istudju ta' dan id-dramm. Dawn it-termini għandhom iservu ta' għodod utli f'idejn min irid japprezza t-teknikalitajiet imħaddma f'*Menz*. L-istudenti tal-Letteratura Maltija huma mħeġġa biex ikunu midħla ta' termini bħal dawn sabiex ikunu jistgħu jimmaturaw fil-kritika letterarja tagħhom.

### ii. Il-Produzzjoni Teatrali

Fil-*memoir* tiegħu *Fjuri li ma Jinxfux*, il-Professur Oliver Friggieri jirrakkonta kif, fl-1967, meta kellu xi għoxrin sena, sar ħabib ta' Francis Ebejer (1925-1993) proprju meta dan kien qiegħed iħejji biex itella' *Menz* fit-Teatru Manoel. *Menz* kien għadu kemm rebaħ l-ewwel premju f'konkors tad-drama mtella' mit-Teatru Manoel. Dan id-dramm ma kienx l-ewwel wieħed li kiteb u tella' Ebejer. Qabel *Menz* kien hemm oħrajn bħal *Vaganzi tas-Sajf* u *Boulevard*. Skont Friggieri, li apparti li kien ħabib tad-drammaturgu, kien ukoll il-kritiku ewlieni ta' xogħlijietu, Ebejer fetaħ triq ġdida fl-istorja tat-teatru Malti:

> Id-dramm ġdid li beda ħiereġ bih Ebejer kien diġà qanqal il-kontroversja. L-għan tiegħu kien li jdaħħal lill-palk Malti fis-seklu għoxrin, jibnih fuq l-argumenti mirquma, fuq karatterizzazzjoni għaqlija, u jċaqlaq il-ħsieb u l-emozzjoni tal-udjenza.[1]

Friggieri jkompli jirrakkonta dwar il-jum li fih kellu jittella' għall-ewwel darba *Menz* fuq il-palk. Ebejer kien kuntent se jtir bil-fatt li ħallewh itella' d-dramm filgħaxija – dan kien preċedent għaliex qabel id-drammi bil-Malti kienu jinħadmu kmieni. Bis-saħħa ta' Ebejer, id-dramm bil-Malti beda jingħata rispett daqs xogħol imtella' b'lingwi barranin. Interessanti ħafna dak li jiftakar Friggieri dwar ir-reazzjoni tal-udjenza waqt u wara *Menz*:

> Għal *Menz* it-Teatru Manoel kien mimli daqs bajda. L-udjenza segwiet kollox mill-bidu sal-aħħar, u mat-tmiem tal-ewwel u tat-tieni att infexxet f'applaws twil … Mat-tmiem tad-

1 Friggieri, O., *Fjuri li ma Jinxfux*, Klabb Kotba Maltin, Malta, 2008, p. 466.